MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru. 590/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Emanuel Stellini**

Kaz Numru: 590/2013

Illum 7 ta’ Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Emanuel Stellini**,

bin Joseph u Maria Anna neé Buttigieg, imwieled fit-22 ta' Ottubru 1950, residenti fil-fond Villa Stellini, Triq Bir ir-Rix, Santa Lucija, Kercem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 79250(G), akkuzat talli:

1. nhar is-17 ta' Settembru 2013 jew fil-jiem ta' qabel bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu qabbad lil Joseph Bugeja biex jidhol fil-ghalqa detenuta u mahduma mill-kwerelanti konsistenti f'zewgt ihbula mir-raba f'Qasam San Gorg fil-limiti tar-Rabat u ta' Santa Lucija, Kercem, Ghawdex ta' kejl superficjali ta' ftit inqas minn tomnejn u harat l-imsemmija ghalqa (Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9).

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tapplika l-Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex tassigura li l-persuna li ghamlet spoll tqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelanti.[1]

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u semghet ukoll lix-xhud minnu prodott.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

---

[1] Il-kwerelanti f'din il-kawza huma tnejn: Angelo u Carmela Bugeja. Il-kwerela, datata 25 ta' Ottubru 2013, giet ezebita fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2014 u giet immarkata bhala Dok. "B".

**Ikkunsidrat**

Illi fl-affidavit redatt minn PS 369 Joseph Mizzi, liema affidavit gie ezebit fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2014 u li gie mmarkat bhala Dok. "A", PS 369 jghid li fis-17 ta' Settembru 2013 Angelo u Carmela Bugeja rraportaw li aktar qabel dakinhar marru fl-ghalqa taghhom li ghandhom f'Qasam San Gorg limiti tar-Rabat, Ghawdex fejn raw lil certu Joseph Bugeja jahrat l-ghalqa taghhom. Fl-istess affidavit jirrizulta li meta PS 369 kellem lill-imputat dan qallu li kien qabbad lil Joseph Bugeja biex jahrat l-ghalqa u li l-kwerelanta ma kellha ebda dritt li tahdem l-ghalqa.

Illi l-Qorti semghet lill-kwerelanta Carmela Bugeja tixhed li l-imputat ezercita jedd li jippretendi li ghandu billi fis-17 ta' Settembru 2013 qabbad lil certu Joseph Bugeja biex jidhol fl-ghalqa li tinsab f'Qasam San Gorg fil-limiti tar-Rabat u ta' Santa Lucija, Kercem, liema ghalqa hija detenuta u mahduma minnha u harat l-istess ghalqa. Angelo Bugeja, ir-ragel ta' Carmela Bugeja, xehed fuq l-istess linji. Id-difiza ssostni li kien l-imputat li kellu d-detenzjoni tal-ghalqa in kwistjoni u li l-kwerelanta/i kienu hemm biss b'mera tolleranza.

Illi l-kwerelanta Carmela Bugeja tghid li l-ghalqa gejja mill-genituri tal-partijiet u li kienet ilha zmien tinhadem minnha. L-imputat isostni li huwa kien hallas il-qbiela u li d-detenzjoni tal-ghalqa in kwistjoni kienet f'idejh u li l-kwerelanta kienet tahdem l-ghalqa biss b'mera tolleranza tieghu tant li jghid li baghat ittra lill-imputata, liema ittra datata 29 ta' Awwissu 2013 giet ezebita fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2014 u giet immarkata bhala Dok. "ES 2", fejn f'liema ittra l-imputat informa lill-kwerelanta li huwa kien ser jiehu l-ghalqa f'idejh u li hija ma kellhiex terga' tidhol fiha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti fuq ir-reat ta' *ragion fattasi.* Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "[F]il-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
>
> (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
>
> (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino,

1895, Vol. VI, pagna 749, *'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'*); u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[2]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

**Ikkunsidrat**

Illi minn dak mismugh mill-Qorti jirrizulta li l-kwerelanta Carmela Bugeja kienet tmur u tahdem l-ghalqa in kwistjoni ghal numru twil ta' snin. Ma jirrizultax li l-kwerelanta kienet taghmel dan semplicement biss b'mera tolleranza kif issostni d-

[2] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

difiza. Anzi jirrizulta li l-kwerelanta kellha l-pussess tal-ghalqa in kwistjoni.

Illi, minkejja li l-imputat, fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2014, ezebixxa vera kopja ta' ktieb tal-kera, li gie mmarkat bhala Dok. "ES 1", l-ebda wahda mill-ircevuti fil-ktieb tal-kera in kwistjoni ma taghmel riferenza ghall-ghalqa li ssir riferenza ghaliha fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont tax-xiehda mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvat u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjuba hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Emanuel Stellini hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' mitt Euro (€ 100.00).

Finalment, fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti

tapplika l-Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tichad tali talba *stante* li fil-kaz odjern m'huwiex possibbli jigi applikat dan l-artikolu minhabba l-mertu tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------